Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

**Laqgha tal-Kumitat Amministrattiv tal-Madliena nhar**

**l-Erbgha 5 ta' Awwissu 2015 fil-5pm.**

**Prezenti:**

**Mary Anne Abela - Chairperson**

**Simon Stilon – Deputy Chairperson**

**Theresa Valentino – Membru**

**Godfrey Leone Ganado – Membru**

**Caroline Asha Caruana – Membru**

---

**Ic-Chairperson qalet it-talba**

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Il-minuti tas-Seduti Nru. 10 u 11 gew moqrija u approvati. Ic-Chairperson ipproponiet u l-Vici Chairperson issekonda.

## II PUNTI LI JOHORGU MILL-MINUTI

1. Il-Kumitat gie nfurmat li se jsir appuntament mal-Perit tal-Kunsill sabiex f' din l-istess laqgha jigi diskuss ir-rapport dwar it-tarmak li kien sar fil-parti ta' fuq tal-Madliena peress li dan x'aktarx ma kienx sar b'mod professjonali hekk kif titlob is-sengha. Waqt din il-laqgha huwa pjanat ukoll li jigi diskuss ix-xoghljiet ta' manutenzzjoni ta' cnut fil-Madliena. Kien hem qbil unanimu dwar dan.

2. Ic-Chairperson nfurmat li hija kellha kuntat ma' l-Avukat tal-Kunsill dwar il-garanzija bankarja.

## III RAPPORTI MIC-CHAIRPERSON

1. Hija nfurmat li l-festa ta' St. Maddalena saret u kienet wahda ta' success peress li ghaliha attendew diversi residenti u kellha rispons posittiv hafna. Ghaldasqtant hija rringrazzjat lil dawk kollha li ghenu fl-organizzajoni kif ukoll lil dawk il-benefatturi li offer l-ghajnuna finanzjarja taghhom. Hija pproponiet sabiex din l-attivita' tkompli tigi organizzata kull sena. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

2. Ic-Chairperson pprezentat kopja tal-petizzjoni tar-residenti ta' Triq Zejni fejn dawn qed jilmentaw bi shih dwar l-istorbju eccessiv li ta' kuljum f'kull hin qed jkun hemm minn 3 residenzi f' din l-istess triq. Hija nfurmat li din il-petizzjoni intbaghtet ukoll lil Kunsillier A. Chetcuti. Ic-Chairperson hadet l-inkarigu li tiddiskuti din il-materja mal-Kunsillier A. Chetcuti.

3. Il-Kumitat gie nfurmat li ta' spiss ic-Chairperson qed tircievi lmenti li qed jkun hemm hafna skart u hmieg fl-entratura tal-bini tal-Mleita. Il-Vici Chairperson ha l-inakirgu li jitkellem dwar dan mas-sidien tal-Melita.

4. Hija rrapurtat hsarat estensivi fuq il-kurduna tal-bankina fi Triq il-Madliena kantuniera ma' Triq ix-Xaghjrat. Hija infurmat li din setghet saret minhabba l-ammont sostanzjali tat-traffiku li qed jghaddi minn din iz-zona minhabba x-xoghlijiet ta' Triq il-Kosta.

| | |
|---|---|
| Mary Anne Abela | Hugh Zammit |
| Chairperson | Segretarju Ezekuttiv |

## IV RAPPORTI MILL-MEMBRI

Mill-Vici Chairperson S.Stilon

1. Huwa pprezenta rapport idettaljat dwar l-infiq u d-dhul ta' l-attivita' tal-festa ta' St.Maddalena izda dan ir-rapport mhux iffinalizat u ghalhekk jkun jaqbel jekk jigi diskuss fis-Seduta li jmiss. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

2. B'referenza ghat-traffic calmer fi Triq Markiz J. Scicluna, wara diskuzzjoni gie deciz li titntbaghat ittra lir-residenti ta' din it-triq sabiex tinfurmahom dwar dan is-suggeriment fejn theggighom li f'kaz li jsibu xi oggezzjoni ghandhom jaghmlu dan b'mod ufficjali permess ta' email jew telefonata sa gimghatejn wara data ta' l-ittra.

Mill-Membru T. Valentino

1. Hija infurmat li ghamlet diversi rapporti dwar hsarat fic-cnut fi Triq il-Madliena u Triq Wied id-Dies. Dawn ser jigu diskussi mal-Perit tal-Kunsill waqt laqgha li se ssir mieghu.

2. Il-Membru rrapurtat ukoll li c-cint inbena quddiem il-kumpless ta' Busietta Gardens gie mibni filata ghola mill-hajt estistenti. Wara diskuzzjoni, gie deciz li din il-materja ghandha tigi diskussa wkoll fil-laqgha li se jkun hemm mal-Perit tal-Kunsill.

3. B'referenza ghax-xoghlijiet li qed issiru fi Triq il-Kosta minn naha ta' TM, hija nfurmat li zdiedu l-hsarat fit-toroq tal-Madliena u dawn jistghu joholqu sitwazzjoni perikoluza. Ghaldasqtant gie deciz sabiex il-Perit jigi mitlub iehhji rapport dwar dawn il-hsarat u dan l-istess rapport ghandu jintbaghat lid-Dipartimenti kkoncenrati b'talba ghall-kumpens.

4. Hija rreferiet ghall-kostruzzjoni li tista' tkun ta' periklu kbir fi Triq il-Fortizza. Is-Segretraju Ezekuttiv ha l-inkairgu li jaghmel il-kuntatti neccessarji mas-sidien.

5. Il-Membru rreferiet ghas-sistema tal-one way fi Triq il-Veduta. Wara diskuzzjoni gie deciz li dan is-suggeriment ghandu jigi diskuss mal-kuntrattur tas-sinjali tat-traffiku qabel ma tittiehed decizjoni.

6. Hija staqsiet biex issir mera fi Triq il-Lbic li turi traffiku niezel minn Triq il-Markiz J. Scicluna.

Mary Anne Abela
Chairperson

Hugh Zammit
Segretarju Ezekuttiv

**IV RAPPORTI MILL-MEMBRI – ikomplu**

Mill-Membru G. Leone Ganado

1. Il-Membru talab sabiex issiru l-kuntatti neccessarji ma' l-Accountant tal-Kunsill sabiex dan ta' l-ahhar ihejji u jibghat kopja ta' rapport finanzjajru tal-Madliena ghall-ewwel sitt xhur ta' din is-sena (2015). Is-Segretraju Ezekuttiv ha l-inkarigu li jikkomunika ma' l-Accountant.

2. Huwa rraport li meta qed titella' xi attivita f' Torre Paulina, il-mistidin ta' spiss qed jispiccaw jipparkjaw fuq il-bankina peress li hija kemmxejn wisa' u dan jista' jwassal biex issir hsara estensiva lill-bankina.

Din il-laqgha spiccat fis-7.30pm u b'mod unanimu sar qbil li s-Seduta li jmiss ssir nhar it-2 ta' Settembru 2015 fil-5pm.

Mary Anne Abela
Chairperson

Hugh Zammit
Segretarju Ezekuttiv